

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għandu jbati, minbarra l-ispejjeż tiegħu, dawk sostnuti mill-Bank Kargoshaei, mill-Bank Melli Iran Investment Company, mill-Bank Melli Iran Printing and Publishing Company, mis-Cement Investment & Development Co., mill-Mazandaran Cement Company, mill-Melli Agrochemical Company u mix-Shomal Cement Co.
- 3) Il-Kummissjoni Ewropea għandha tbatl l-ispejjeż rispettivi tagħha.

(¹) ĠU C 72, 5.3.2011.

**Sentenza tal-Qorti Ġenerali tas-16 ta' Settembru 2013 —
Il-Pajjiżi l-Baxxi vs Il-Kummissjoni**

(Kawża T-343/11) (¹)

(“FAEGG — It-Taqsima tal-Garanzija — Spejjeż esklużi mill-finanzjament — Frott u ħxejjex — Esklużjoni mill-finanzjament tal-ispejjeż għall-istampar fuq l-imballaġġi — Nuqqas ta' osservanza tal-kriterji ta' rikonossiment ta' organizzazzjoni ta' produtturi — Esklużjoni tal-ispejjeż tal-membri kollha tal-organizzazzjoni tal-produtturi kkonċernati — Proporzjonalità”)

(2013/C 325/53)

Lingwa tal-kawża: l-Olandiż

Partijiet

Rikorrenti: Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi (rappreżentanti: inizjalment minn C. Wissels, M. de Ree, B. Koopman u C. Schillemans, sussegwentement minn C. Wissels, M. de Ree u C. Schillemans, aġenti)

Konvenuta: Il-Kummissjoni Ewropea (rappreżentanti: A. Bouquet u P. Rossi, aġenti)

Suġġett

Talba għall-annullament tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni 2011/244/UE, tal-15 ta' April 2011, li teskludi mill-finanzjament tal-Unjoni Ewropea ċertu nfiq imġarrab mill-Istati Membri taħt it-Taqsima tal-Garanzija tal-Fond Agrikolu Ewropew ta' Gwida u Garanzija (FAEGG), taħt il-Fond Agrikolu Ewropew ta' Garanzija (FAEG) u taħt il-Fond Agrikolu Ewropew għall-Iżvilupp Rurali (FAEŻR) (ĠU L 102, p. 33), sa fejn teskludi ċerti spejjeż sostnuti mir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud.
- 2) Ir-Renju tal-Pajjiżi l-Baxxi huwa kkundannat għall-ispejjeż.

(¹) ĠU C 252, 27.08.2011.

Appell ippreżentat fis-17 ta' Lulju 2013 minn Geoffroy Alsteens mid-digriet mogħti fit-8 ta' Mejju 2013 mit-Tribunal għas-Servizz Pubbliku fil-Kawża F-87/12, Alsteens vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-373/13)

(2013/C 325/54)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Partijiet

Appellant: Geoffroy Alsteens (Marcinelle, il-Belġju) (rappreżentanti: S. Orlandi, D. Abreu Caldas u J.-N. Louis, avukati)

Appellata: Il-Kummissjoni Ewropea

Talbiet tal-appellant

— tannulla d-digriet tat-Tribunal għas-Servizz Pubbliku tal-Unjoni Ewropea (It-Tielet Awla), tat-8 ta' Mejju 2013, fil-Kawża F-87/12, Alsteens vs Il-Kummissjoni Ewropea;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż.

Aggravji u argumenti prinċipali

Insostenn tal-appell tiegħu, l-appellant jinvoka aggravju uniku bbażat fuq żball ta' liġi, peress li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku qies li bl-annullament tal-limitazzjoni tat-tul ta' żmien tal-estensjoni tal-kuntratt tiegħu bħala membru tal-persunal temporanju, l-appellant jinsab, b'mod retroattiv, taħt l-iskema ta' kuntratt għal żmien indeterminat. L-appellant iqis li dan ma huwiex il-każ u jsostni li t-Tribunal għas-Servizz Pubbliku kiser id-dritt tiegħu għal rimedju effettiv meta qies li l-appellant ma setax jitlob l-annullament parzjali tad-deċiżjoni li jiġi estiż il-kuntratt tiegħu, jiġifieri l-annullament tal-parti tad-deċiżjoni li tillimita t-tul ta' żmien tal-estensjoni.